**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 15 ta' April 2021

Rikors Numru: 262/14 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ippremettiet:

1. *Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u minn din l-unjoni twieldu erbat it-tfal li huma E li twieled fid-29 ta' Novembru 2000, F li twieldet fit-12 ta' Ottubru 2003, G li twieldet fil-15 ta' Jannar 2009 u H li twieldet fl-*

[1] Fol. 1 – 8.

*10 ta' Settembru 2010 u dan kif jindikaw ic-certifikati tat-twelid annessi ma' dan ir-rikors guramentat immarkati Dok A, Dok B, Dok C, Dok D;*

2. *Illi din ir-relazzjoni bdiet meta l-esponenti kienet ghadha zghira hafna izda din ir-relazzjoni tkissret irrimedjabilment fid-29 ta' Gunju 2014 filghodu kmieni waqt episodju, wiehed mill-hafna fejn il-konvenut hebb ghall-attrici, tant li kellha tispicca tahrab mid-dar fejn kienu qed jirrisjedu, b'dan li fid-disperazzjoni l-esponenti qabzet mill-gallarija ghall-isfel bil-biza' li kien qed jigri warajha l-konvenut fejn fih sofriet griehi konsiderevoli. Illi f'din ir-relazzjoni hafna drabi il-konvenut kie hafna drabi jerfa' jdejh fuq l-esponenti, jisker kuljum, jabbuza u ghadu jabbuza mis-sustanzi sal-lum u b'mod iehor ikun vjolenti tant li l-esponenti ma felhitx tissaporti izjed;*

3. *Illi wara li harbet mid-dar l-esponenti kellha tagmel rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn l-istess Qorti ordnat li l-minuri jmorru b'mod effettiv jirrisjedu ma' l-esponenti, fil-fatt it-tfal irritornaw ghand ommhom bl-eskluzjoni tat-tifel E li iddecieda minn jeddu kontra l-volonta' ta' ommu li jibqa' jghix ma' missieru. Din qed iggib hafna inkwiet lill-esponenti minhabba li l-minuri mhux qed ikollu trobbija tajba u minhabba l-fatt li qed jithalla jiggerra barra u anke wkoll li missieru jabbuza mis-sustanzi quddiem l-imsemmi minuri;*

4. *Illi trt ta' dan ta' l-agir inkontenibbli tal-konvenut l-esponenti ilha prattikamnt minn meta twiedu t-tfal taghha ssibbha difficli biex tezercita d-drittijiet u l-obbligi taghha bhala genitur tal-minuri kemm in konnessjoni ma skejjel, ma studju, ma safar u simili billi kull darba tkun kostretta titlob l-Awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Familja meta tigi biex tiehu decizjoni dwar il-kura u kustodja ta' uliedha;*

5. *Illi l-konvenut ma hux persuna idonea la biex ikollu u l-kura u kustodja tal-minuri f'idejh u lanqas biex ikollu l-access ghalihom u dan peress li kif ga msemmi qabel ghandu karattru irraxxibbli dovut ghall-fatt li jabbuza mis-sustanzi u l-alkohol, fil-fatt huwa pruva jaghmel program kemm il-darba biex jibdel hajtu u qatt ma rnexxielu jasal ghaliex jippreferi jkompli jabbuza s-sustanzi milli jara l-ahjar gid ghat-tfal tieghu. Illi san se jirrizulta wkoll waqt is-smiegh tal-provi u waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

6. *Illi kull tentattiv ghal ftehim bonarju falla u l-esponnti giet awtorizzata biex tmexxi b'din il-proċedura skont id-digriet datat 18 ta' Novembru 2014 hawn anness u immarkat bhala Dok E;*

*Ghalhekk ghar-ragunijiet premessi jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghadhiex:*

1. *Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E, F, G u H tigi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi;*

2. *Tordna illi kull benefiċċju u/jew ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri tinghata unikament lir-rikorrenti;*

3. *Tiffissa rata ta' kull gigha li l-intimat ikun ikkundanna ihallas lir-rikorrenti bhala manteniment xieraq ghall-minuri E, F, G u H liema manteniment ghandu jkopri wkoll l-edukazzjoni u sahha tal-minuri u mhux biss l-ghixien taghha u liema manteniment ghadu jigi rivedut minn zmien ghal zmien, u konsegwentament tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti, ta' kull gimgha dik is-somma li tigi hekk iffissata;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li qed jigi minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar id-9 ta' Diċembru 2014,[2] ma weġibx permezz ta' risposta ġuramentata entro t-terminu stabbilit mil-liġi;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Diċembru 2015,[3] fejn ġie ddikjarat *"Illi l-Qorti rat illi minkejja illi tat diversi opportunitajiet lill-konvenut sabiex jikkonferma bil-gurament ir-rikors tieghu illi huwa ipprezenta sabiex jipprova jiggustifika l-kontumacja tieghu dan baqa ma ghamlux. (...) Ghaldastant il-Qorti qieghda tiddikjara illi l-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza"*;

[2] Fol. 11.
[3] Fol. 22.

Rat l-Atti tat-Twelid ta' E, F, G u H, aħwa D;[4]

Rat il-verbali kollha, kif ukoll l-affidavits ipprezentati, ix-xhieda imresqa, u d-dokumenti ezebiti, liema ġew kollha mizmuma u mresqa quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien;

Rat id-digriet *pendente lite* ta' nhar l-1 ta' Novembru 2019 mogħti fil-mori tal-kawza odjerna, fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi u ordnat lill-konvenut iħallas fix-xahar is-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) f'manteniment għal uliedu u kif ukoll nofs l-ispejjez reltati mas-saħħa u l-edukazzjoni tagħhom;[5]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat it-trattazzjoni tal-attriċi;[6]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-partijiet bdew relazzjoni flimkien, minn liema relazzjoni twieldu erbat (4) itfal. Jittranxendi illi l-partijiet jagħmlu zmien flimkien, jiġġieldu, jitilqu lil xulxin, u wara ftit taz-zmien jerġgħu jispiċċaw flimkien. Il-kura u kustodja ta' dawn it-tfal tinsab fil-prezent konġunta bejn il-partijiet. Madanakollu jiġi allegat illi ngħata digriet *pendente lite* minn din il-Qorti illi l-minuri ġew ordnati jgħixu mal-attriċi, u sal-aħħar tas-sena 2019 ma jirrizultax li kien hemm xi digriet li jirregola l-manteniment dovut mill-konvenut għall-ulied.

Permezz tar-rikors odjern intavolat minn A B nhar il-21 ta' Novembru 2014, tingħata retroxena tas-sitwazzjoni bejn il-partijiet. Jintefa' dawl fuq il-karattru vjolenti tal-konvenut, u kif ukoll fuq il-vizzju tiegħu tax-xorb u l-abbuz minn sustanzi illegali. Għaldaqstant l-attriċi tikkontendi illi l-konvenut ma huwiex

[4] Fol. 5 – 8.
[5] Fol. 74.
[6] Fol. 91.

persuna idoneja sabiex ikollu f'idejh il-kura, kustodja u aċċess versu l-minuri. Għaldaqstant permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex: (i) il-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, (ii) il-benefiċċji mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dovuti lil minuri għandhom jiġu perċepiti mill-attriċi għan-nom tal-istess minuri, u (iii) l-konvenut jiġi ordnat iħallas manteniment għall-minuri kull xahar, inkluz nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Il-konvenut, min-naħa l-oħra, u minkejja li ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat tal-attriċi, baqa' ma weġibx permezz ta' risposta ġuramentata entro t-terminu ta' għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika. Il-konvenut lanqas ma ttenta jiġġustifika dan in-nuqqas lill-Qorti. Għaldaqstant, il-konvenut fil-prezent jinstab fi stat ta' kontumelja u b'hekk ma kienx legalment possibbli li l-konvenut jipproduċi l-verzjoni tiegħu. Madanakollu u mill-atti tal-kawza, l-Qorti tinnota illi l-konvenut ma jidhirx li kellu l-iċken interess dwar it-talbiet tal-attriċi jew fl-interessi ta' uliedu, hekk kif lanqas biss deher darba quddiem il-Qorti nnifisha jew tal-inqas quddiem l-Assistant Ġudizzjarju.

*(i)* *Il-Verzjoni tal-Attriċi:*

Fix-xhieda tagħha,[7] l-attriċi tirrileva illi hi u l-konvenut qatt ma kienu mizzewġin u r-relazzjoni tagħhom spiċċat, għalkemm tikkkonferma illi *"ir-relazzjoni tagħna kienet on and off"*.[8] Tirrileva illi r-relazzjoni tagħha mal-konvenut bdiet meta kellha ħmistax-il (15) sena u bdew jgħixu flimkien meta l-ewwel wild tagħhom, E, kellu sena u nofs. Hekk kif ġie rilevat fir-rikors ġuramentat jidher illi l-partijiet kellhom tlett ulied oħra, u ċjoe' F, G u H.

L-attriċi tikkontendi illi r-relazzjoni tagħhom tkissret nhar id-29 ta' Ġunju 2014, fejn il-konvenut ħebb għall-attriċi tant li ħarbet mid-dar u spiċċat għamlet attentat ta' suwiċidju sforz il-biza' mill-konvenut li kien qiegħed jiġri warajha. L-attriċi tispjega illi l-konvenut kien jefa' jdejh fuqha, jisker, jabbuza mid-droga u kien ikun vjolenti ferm speċjalment meta jkun taħt l-effett ta' sustanzi illegali. L-attriċi tallega illi wara li hija ħarbet mid-dar fejn kienet qiegħda tgħix mal-konvenut, intavolat rikors sabiex l-ulied imorru jgħixu u jirrisjedu ma' ommhom, liema talba ġiet allegatament milqugħa mill-Qorti. Minkejja tali ordni, binhom E

[7] Fol. 52 – 53.
[8] Fol. 52.

b'għazla tiegħu u kontra x-xewqa tal-attriċi, baqa' jirrisjedi ma' missieru. Għalhekk, l-attriċi tirrileva li binha mhux qed ikollu trobbija xierqa minħabba l-karattru u l-vizzji tal-konvenut.

Fiz-zmien tax-xhieda tagħha, l-attriċi rrilevat illi minkejja l-inċident surreferit tal-2014, u minn mindu ġiet ipprezentata l-kawza odjerna, il-partijiet irrikonċiljaw - liema rikonċiljazzjoni sfat fix-xejn hekk kif fix-xhieda tagħha l-attriċi tgħid illi huma nfirdu għal kollox minn xulxin f'Ottubru 2018. Tirrileva ukoll li qiegħda tgħix f'appartament tagħha ġewwa Marsaskala flimkien mat-tlett uliedha F, G u H. Tispjega illi meta l-partijiet kienu flimkien bħala koppja, l-konvenut ma kienx iħallas b'mod regolari għall-bzonnijiet ta' uliedu, izda kultant kien sempliċiment jagħmel xi xirja. Għaldaqstant l-attriċi tagħti x'tifhem illi hi minn butha kienet tħallas għall-bzonnijiet ta' uliedha, u dan minkejja li t-tnejn li huma għandhom impjieg.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tevalwa ukoll illi fit-trattazzjoni finali ġie magħruf illi minn meta xehdet l-attriċi u ċjoe' fis-sena 2019, il-partijiet allegatament kellhom tifel ieħor, u ċjoe' *"minn dakinhar 'l hawn ġie tifel ieħor, I li twieled fit-2020, jiġifieri wara l-kawza, ma jimpurtax pero' għax dawn jiġġieldu u jirranġaw"*.[9]

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi ressqet ix-xhieda ta':

(i) Raymond Micallef in rapprezentanza ta' ETV Limited, sabiex jixhed dwar l-impjieg tal-konvenut, fejn minn tali xhieda jidher li l-konvenut beda jaħdem ma' din il-kumpanija minn Frar 2019 sa Ġunju 2019,[10] fejn kien jaqla' s-somma netta ta' ċirka seba' mitt Ewro (€700) fix-xahar;[11]

(ii) Is-Social Worker Pauline Camilleri, in rapprezentanza tal-Aġenzija Appoġġ, sabiex tixhed dwar is-sitwazzjoni u l-*file* tal-attriċi, fejn mix-xhieda u r-rapport prezentat minnha jirrizulta li,[12] nhar l-14 ta' Ottubru 2009 is-Servizz tal-Vjolenza Domestika rċieva *referral* dwar l-attriċi sabiex taċċessa s-servizz ta' Dar Merħba Bik għaliex l-attriċi allegat illi sa mil-bidu tar-relazzjoni tagħha mal-konvenut hija kienet vittma ta'

---

[9] Fol. 91.
[10] Ara l-*engagement* u *termination form*, a fol. 60 u 61.
[11] Ara l-*payslips*, a fol. 62 – 66.
[12] Fol. 67.

vjolenza domestika. Il-*file* tal-attriċi konsegwentament reġa' infetaħ f'Ottubru 2018, fejn nhar it-28 ta' Ottubru 2018 sar *risk assessment* fl-għassa ta' Ħaz-Zabbar u rrizulta li l-attriċi kienet f'riskju għoli minħabba l-aġir tal-konvenut, speċjalment meta jkun taħt l-effett ta' sustanzi illegali;

(iii) L-iSpettur Joanna Piscopo, sabiex tixhed dwar l-inċident tas-27 ta' Ottubru 2018 u pprezentat ir-rapport magħmul mill-attriċi,[13] fejn ġie rrappurtat mill-attriċi inċident ta' vjolenza domestika, liema inċident ġie mgħarraf lis-*social workers* li minn stħarriġ irrizulta li l-attriċi kienet f'riskju u periklu ta' aktar vjolenza mil-konvenut. Jidher illi l-Maġistrat tal-Għassa ġiet ukoll mgħarrfa bl-inċident in kwistjoni u ordnat illi l-kwerelat D jiġi arrestat. Il-Pulizija marru fuq il-post sabiex jarrestaw lill-kwerelat, fejn sabu lil dan tal-aħħar b'sikkina f'idejh u warra diversi twissijiet, D ikkoopera magħhom. L-iSpettur Piscopo tirrileva li fil-prezent għaddejin proċeduri kriminali kontra l-konvenut, liema proċeduri jinsabu quddiem il-Maġistrat Astrid May Grima.[14]

## 2. Prinċipji Legali Saljenti għal Kaz Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għal-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal kaz odjern.

Fir-rigward ta' <u>*kura u kustodja*</u>, minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet **M. B vs Onor J. Raynaud** fejn ġie dikjarat li *"Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal"*.[15] Magħdud ma' dan, u b'referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon** u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**, ġie ritenut li *"r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal"*,[16] liema prinċipju għadu jiġi applikat mill-Qrati nostranza, bħal per ezempju fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances**

[13] Fol. 85 – 87.
[14] Fol. 83.
[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947.
[16] Deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972.

**Farrugia vs. Duncan Caruana**[17] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks.**[18] F'dan l-istadju huwa wkoll ta' importanza li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*[19]

Fir-rigward ta' *manteniment*, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, li jistipulaw rispettivament:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħtl-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwarOpportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta'ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jewmatul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

[17] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[18] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).
[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149"*;

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B".*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' mizzewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tas-<u>*setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra*</u>, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti izda diversamnt preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala***

***kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-assenti Paul Joseph Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* **Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "****Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive BC vs D sive EC*** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* ***Joseph Micallef vs Lesya Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

### 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:

Il-Qorti tibda sabiex tieħu in konsiderazzjoni tal-etajiet li għandhom fil-prezent l-ulied E, F, G u H, sabiex jiġi identifikat jekk tali talbiet għadx għandhom relevanza hekk kif mid-data tal-intavolar tal-kawza sal-ġurnata tal-ġudizzju ta' din il-Qorti ikunu għaddew kwazi seba' (7) snin. Jirrizulta li: (i) E D imwieled nhar id-29 ta' Novembru 2000, illum għandu għoxrin (20) sena, (ii) F D imwielda nhar it-12 ta' Ottubru 2003, illum għandha sbatax-il (17) sena, (iii) G D imwielda nhar il-15 ta' Jannar 2009, illum għandha tnax-il (12) sena, u (iv) H D imwielda nhar l-10 ta' Settembru 2010, illum għandha għaxar (10) snin.

*(i) L-Ewwel Talba fil-konfront ta' E D:*

Hekk kif ġie rilevat iktar 'il fuq, jidher ċar illi E D, u ċjoe' l-ewwel wild tal-partijiet, illum huwa *ormai* maġġorenni. Abbażi ta' dan il-fatt li naturalment dwaru ma hemm l-ebda kontestazzjoni, il-Qorti tara li t-talba attriċi rigward il-kura u kustodja ta' E D hija sorvolata stante li hija ezawrita fil-mertu. Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba fil-konfront ta' dan il-wild.

*(ii) L-Ewwel Talba fil-konfront ta' F, G u H, aħwa D:*

L-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba ghall-kura u kustodja eskluzziva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu l-aħjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju, għall-Qorti, huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-

ġenituri, izda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bzonnjuz u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluz mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala iltiema minkejja li għandhom iz-zewġ ġenituri għadhom ħajjin. Għalkemm ikun hemm ċirkostanzi fejn tali aġir ma jkun xejn ħlief frott il-pika zejda ta' bejn il-ġenituri nfushom, madanakollu, il-Qorti hija konsapevoli li jezistu ukoll ċirkostanzi fejn tali aġir jkun solament protezzjoni tal-minuri da parti ġenitur wieħed mill-ġenitur l-ieħor. Huwa rikonoxxut minn din il-Qorti illi sforz tali aġir, ħafna mid-drabi jkunu l-ġenituri stess li jagħzlu li jitfgħu lil uliedhom f'sitwazzjoni krudili, u dan għaliex l-ġenituri jkunu nies irresponsabbli, bla kompassjoni u b'nuqqas ta' volonta' li jħobbu, jindukraw u jrabbu lil uliedhom f'għozza li tant ikunu mxenqin għaliha. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa proprju s-sintezi tal-kaz odjern, fejn min-naħa waħda jidher li l-konvenut huwa bniedem vjolenti, bil-possibilita' li għandu iktar għal qalbu l-vizzji tal-alkohol u d-droga milli l-interessi ta' uliedu, filwaqt li min-naħa l-oħra l-attriċi u minkejja li tipprova tipproteġi lil uliedha, dejjem taqa' fin-nassa tal-konvenut u tirrikonċilja miegħu.

L-attriċi tallega illi l-konvenut ma huwiex persuna idoneja sabiex jieħu ħsieb lil uliedu minħabba l-karattru vjolenti tiegħu u l-vizzji li għandu. Sabiex

tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi resqet ix-xhieda tas-Social Worker Pauline Camilleri u dik tal-iSpettur Joanna Piscopo, fejn is-Social Worker Pauline Camilleri titfa' dawl fuq zewġ inċidenti ta' vjolenza domestika, ċjoe' l-episodju tal-14 ta' Ottubru 2009 u dak tat-28 ta' Ottubru 2018, filwaqt li l-iSpettur Piscopo tixhed biss dwar l-inċident ta' Ottubru 2018. Għaldaqstant il-Qorti għandha quddiemha prova rigward episodju wieħed ta' vjolenza domestika fuq il-persuna tal-attriċi, filwaqt li ma għandha l-ebda prova dwar il-vizzju tax-xorb u droga tal-konvenut.

Il-Qorti tissottolineja illi l-provi huma skarsi għall-aħħar, u ma jurux aġir vjolenti jew abbuziv ripettitiv da parti l-konvenut. Għaldaqstant u fiċ-ċirkostanzi tenut kont tal-allegazzjonijiet b'saħħithom tal-attriċi, il-Qorti tissottolineja li kien ikun ferm idoneju u xieraq kieku l-attriċi resqet provi ulterjuri sabiex tikkonstata l-allegazzjonijiet ivvantati minnha. Fil-fatt il-Qorti kienet tistenna x-xhieda, fost oħrajn, ta': (i) rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jixhed u jezebixxi dawk ir-rapporti fil-konfront tal-konvenut, kif ukoll il-fedina penali tiegħu, (ii) rapprezentant tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali sabiex jixhed dwar kawza passati u pendenti fil-konfront tal-konvenut, (iii) rapprezentant ta' Mount Carmel sabiex jixhed dwar id-drabi kollha li l-konvenut ġie ammess għall-għajnuna ta' saħħa mentali, (iv) rapprezentant ta' Sedqa sabiex jiġi kkonfermat kemm-il darba l-konvenut għamel programm sabiex jegħleb il-vizzji tiegħu, (v) rapprezentant ta' Dar Merħba Bik sabiex jixhdu dwar id-drabi li l-attriċi utilizzat l-għajnuna tagħhom, u (vi) ix-xhieda ta' familjari u ħbieb tal-partijiet.

Madanakollu, il-Qorti ma tistgħax ma tagħtix piz lir-rapport tal-Pulizija rigward l-inċident ta' Ottubru 2018, fejn ġie kkonfermat illi hekk kif il-Pulizija marru fuq il-post sabiex jarrestawh skont l-ordni tal-Maġistrat tal-Għassa, *"fejn hekk kif D fetaħ il-bieb, ġie inutat li kellu sikkina f'idu. Ġie ordnat jneħħi s-sikkina minn idu fejn obda l-ordni minnufih. D infurmat li qed jiġi arrestat fuq vjolenza domestika u li kellu dritt l-avukat tiegħu qabel jitkellem izda D b'aġitazzjoni u rabja stqarr għal diversi drabi li hu ma kienx ser imur imkien għaliex lis-sieħba tiegħu ma kien għamlilha xejn. Wara diversi twissijiet mill-Pulizija D iddeċieda li jikkopera mal-Pulizija u ġie mehud il-lock-up tal-kwartieri ġenerali tal-Pulizija"*.[20] Din il-Qorti lanqas ma għandhiex ma tagħtix piz il-verzjoni tas-*social workers*, fejn fir-rapport in kwistjoni ġie ddikjarat illi *"Il-pulizija tad-distrett infurmat bil-kaz lis-social worker operator tal-għassa Marienne D fejn talbet lis-social workers tal-*

[20] Fol. 87.

*għassa Ruth Navarro u lil Ruth Boyce jassistu lil vittma, li wara l-istħarriġ li għamlu ġie stabbilit li kienet f'periklu u riskju ta' aktar vjolenza".*[21]

Ma huwiex magħruf minn din il-Qorti fiex waslu l-proċeduri rigward l-inċident surreferit kontra l-konvenut, liema proċeduri kriminali jinsabu jew kienu pendenti quddiem il-Maġistrat Astrid May Grima; speċjalment jekk il-konvenut instabx ħati għall-akkuzi miġjuba kontrih *o meno*. Madanakollu u mingħajr ma tippreġudika l-ezitu kriminali f'kaz li dan għadu qed jinstema', fil-fehma ta' din il-Qorti fil-mument li seħħ l-inċident u sar ir-rapport mal-Pulizija, kienet tezisti l-possibilita' ta' periklu fil-konfront tal-attriċi, *ergo* fil-konfront ta' uliedha ukoll, u ċjoe' li tkun esposta għal iktar vjolenza domestika. Minkejja li jista' jagħti l-kaz li dan jaf kien kaz izolat, u dan in vista li l-attriċi naqset milli tressaq iktar provi f'dan ir-rigward, il-Qorti ma tħossx li huwa proprju l-mument li tieħu riskju u dan ġialadarba f'dan il-mument *si tratta* l-benessere u l-interessi supremi tal-minuri.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tieħu ukoll konjizzjoni tal-fatt li l-verzjoni attriċi ma tinsabx kontradetta stante l-istat ta' kontumelja tal-konvenut, u b'hekk il-Qorti ma għandhiex ma temminx illi l-attriċi verament sfat vittma tal-konvenut. Il-Qorti tirribadixxi li kien ikun ferm iktar ideali li kieku l-konvenut pprovda l-verzjoni tiegħu u l-provi neċessarji sabiex jipprova l-kaz tiegħu, madanakollu dan ma kienx possibli. Il-Qorti ma għandhiex ma temminx li l-konvenut huwa persuna vjolenti, bil-possibbilita' li għandu diversi vizzji. Il-Qorti tieħu rendikont illi kieku *se mai* l-konvenut ma kellux attitudni ħazina versu l-attriċi u uliedhom, dan kien jagħmel minn kollox sabiex jipprovdi lil Qorti bil-verzjoni vertiera. Mill-atti jirrizulta li l-konvenut lanqas biss ittenta jiġġustifika l-istat tiegħu ta' kontumaċja u magħdud ma' dan, il-Qorti tevalwa ukoll li l-konvenut qatt ma deher quddiemha jew quddiem l-Assistant Ġudizzjarju, liema attitudni turi passivita' u disrispett assolut. Għaldaqstant, il-Qorti temmen li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi.

Madanakollu l-Qorti tħoss li tinsab fl-obbligu li f'dan l-istadju tikkumenta dwar ir-relazzjoni instabbli li l-attriċi għandha mal-konvenut, tant li l-attriċi u l-avukat tagħha jikkonfermaw dan hekk kif jiddeskrivu tali r-relazzjoni bħala waħda *on and off*, bil-konsegwenza li meta jirrikonċiljaw ikomplu jipprokrejaw iktar tfal. Jidher ċar li minkejja li l-attriċi: (i) tilmenta mill-karattru tal-konvenut, (ii)

[21] *Ibid.*

tirraporta mal-Pulizija u l-Aġenzija Appoġġ li tibza' minnu, u (iii) addirittura tikkonferma illi sa mill-bidu tar-relazzjoni tagħha mal-konvenut hija dejjem kienet vittma tal-vjolenza domestika, jidher ċar illi l-attriċi xorta waħda tagħzel li tkompli tirrikonċilja mal-konvenut u jkollha iktar t-tfal miegħu, bħal donnu allegat zball ta' darba, darbtejn, tlieta, ma kienux bizzejjed sabiex l-attriċi setgħet verament tifhem is-sitwazzjoni li tinsab fiha.

Il-Qorti twissi lill-attriċi illi minkejja li permezz tal-kawza odjerna hija sejra tilqa' t-talba tagħha billi tafda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejha, dan ma jfissirx li tali ordni hija waħda permanenti u li ma tistgħax tiġi revokata. Għalkemm tezisti possibilita' qawwija dwar is-severita' tal-karattru u t-tendenzi tal-konvenut, l-attriċi għandha tkun soda, temmen fiha nnifisha, tibni ħajjitha mill-ġdid u zzomm 'il bogħod mill-konvenut jekk għandha għal qalbha l-interessi ta' uliedha, u dan speċjalment jekk il-konvenut ma jistgħax jegħleb il-vizzji allegati minnha. Jekk huwa minnu illi l-attriċi ilha vittma tal-vjolenza domestika sa minn mindu bdiet ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut, il-Qorti temmen bi sħiħ li hija għandha s-saħħa u l-kapaċita' li twaqqaf dan iċ-ċiklu vizzjuz, anke bil-għajnuna ta' diversi aġenziji u għaqdiet. Il-Qorti tiċċara illi għalkemm din id-darba qiegħda tissimpatizza mal-attriċi u tagħlaq għajn waħda, hija ma tistgħax tittollera aġir bħal dak tal-attriċi illi tilmenta u tisħaq li trid tipproteġi lil uliedha, izda hekk kif l-intoppi ta' bejnha u l-konvenut jitmewtu għal ftit, din tmur tiġri lura fi ħdanu u tinsa' dak kollu li tkun għaddiet minnu. F'għajnejn il-Qorti dan l-aġir da parti l-attriċi jaf jammonta għal imġieba mhux idoneja li jikkreja instabbilita' fl-ulied u li konsegwentament jista' jkompli jagħmel iktar ħsara lit-trobbija tal-ulied, liema aġir jista' jkun bazi għat-tneħħija tal-jeddijiet ta' setgħa tal-ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant l-attriċi, jekk ma jinterressahix iġġib rispett lilha nnifisha, hija għandha b'obbligu ġġib f'kull waqt u f'kull ħin rispett lill-uliedha. Naturalment, dan ma għandux ifisser li l-attriċi ma għandhiex izzomm relazzjoni amikevoli mal-konvenut, u dan f'ġieħ l-interessi ta' uliedhom.

Fir-rigward tal-aċċess, l-attriċi tikkontendi fir-rikors ġuramentat tagha illi *l-konvenut ma hux persuna idonea la biex ikollu l-kura u kustodja tal-minuri f'idejh u lanqas biex ikollu l-aċċess għalihom".*[22] Minkejja tali sottomissjoni, l-attriċi tikkonferma illi kien hemm zmien matul il-kawza fejn hi u l-konvenut irrikonċiljaw, izda wara ftit zmien kollox reġa' sfaxxa fix-xejn. Fi kwalunkwe

[22] Fol. 2.

kaz, mill-atti ma jirrizultax fejn qiegħed jgħix il-konvenut, jekk jinsabx mill-ġdid f'relazzjoni mal-attriċi, jew jekk hux qed jagħmel kuntatt ma' uliedu. Indubjament il-Qorti tirritjeni illi l-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbazi struzzjoni professjonali. Madanakollu, l-Qorti bil-wisq temmen li n-nuqqas ta' disinteress da parti l-konvenut versu uliedu huwa evidenti ferm.

F'kawzi ta' din ix-xorta, il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilita' li ġenitur u iben jew bint, ikollhom relazzjoni. Madanakollu, in vista: (i) tan-nuqqas ta' interess da parti l-konvenut f'uliedu fil-kawza odjerna, (ii) il-passat ikkulurit tal-konvenut, (iii) tan-nuqqas ta' informazzjoni dwar kif u fejn jinsab il-konvenut, (iv) tal-*benessere* tal-minuri, u (v) li sa dan l-istadju l-Qorti m'għandha l-ebda rakkomandazzjoni ta' esperti fil-qasam, fl-interess suprem tal-minuri qiegħda f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus,* tipprojbixxi illi jsir kwalunkwe tip ta' aċċess jew komunikazzjoni bejn il-minuri u l-konvenut. Minkejja l-karattru tiegħu u l-vizzji li jaf għandu, il-Qorti ma teskludix li l-konvenut għandu *in primis* bzonn l-għajnuna. Madanakollu fl-aħħar mill-aħħar sta għalih li jistinka u juri biċ-ċar li jimmerita li jkun parteċipi f'ħajjet uliedu. Sa dan l-istadju ma jirrizultax li dan huwa l-kaz, u b'hekk f'kaz li għandu għal qalbu l-interessi ta' uliedu, għandu jaħdem sabiex fil-futur ikun f'pozizzjoni li jitlob lil Qorti kompetenti għall-aċċess billi jipprova b'mod inekwivoku li jimmeritalu dan id-dritt.

Għaldaqstant u tenut kont taċ-ċirkoatanzi odjerni, il-Qorti qiegħda tafda l-kura u kustodja tal-minuri F, G u Marya, aħwa D, esklussivament f'idejn l-attriċi, u *rebus sic stantibus*, tipprojbixxi illi jsir kwalunkwe tip ta' aċċess jew komunikazzjoni bejn il-minuri u l-konvenut.

*(iii) It-Tieni u t-Tielet Talba fil-konfront ta' E D:*

In vista tal-fatt li E D huwa maġġorenni, il-Qorti tara illi t-tieni talba fir-rigward tal-benefiċċji soċjali li għalihom jista' jkun intitolat l-istess E D, hija *ormai* ezawrita fil-mertu u b'hekk ma fadalx lok għal din il-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba fir-rigward tal-istess wild.

Madanakollu u fir-rigward tal-manteniment, minkejja li fil-prezent E D huwa maġġorenni u għandu għoxrin (20) sena, mill-atti ma jirrizultax fejn qiegħed

jgħix, u kif ukoll jekk fil-prezent E għadux jistudja fuq bazi *full-time* jew le sabiex jiġi determinat jekk baqax intitolat għal manteniment sal-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena, jew sa meta jtemm l-istudji tiegħu, skont liema minnhom tavverra ruħha l-ewwel. Minkejja li ma tirrizulta l-ebda prova dwar is-sitwazzjoni attwarja ta' E D, fis-sens jekk hux qiegħed jaħdem jew jistudja fuq bazi *full-time,* b'applikazzjoni ta' Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti xorta għandha d-dmir li taċċerta ruħha li E D jieħu dak il-manteniment li huwa bid-dritt intitolat għalih **f'kaz** li għadu jistudja fuq bazi *full-time* ġialadarba għadu ma għalaqx l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena.

Is-somma minima mogħtija mill-Qorti fil-prezent hija dik ta' €200 kull xahar jew erba' ġimgħat. Barra minn hekk u flimkien mal-manteniment, il-Qorti tiddeċiedi ukoll dwar l-ispejjez reltati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-wild. F'kaz li ma jiġix ezebit prospett tal-ispejjez involuti u/jew meta l-introjtu ikun wieħed baziku, din il-Qorti normalment tagħti s-somma ta' €75 fix-xahar jew erba' (4) ġimgħat. Fil-kaz odjern, l-attriċi tiddikjara li hija taħdem fuq bazi *full-time* b'introjtu mensili ta' €820 ad eskluzjoni tal-bonus, [23] filwaqt li mill-atti ma jirrizultax jekk il-konvenut fil-prezent għandux impjieg *o meno,* u l-introjtu tiegħu. Mill-atti jirrizulta li l-aħħar impjieg li kellu l-konvenut ġie tterminat f'Ġunju 2019, fejn kellu introjtu mensili nett ta' €700. Tenut kont taċ-ċirkostanzi u l-fatti odjerni, l-Qorti tinsab tal-fehma li s-somma ta' €275 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment hija ġusta.

Għaldaqstant u fir-rigward ta' E D, f'kaz li dan għadu qiegħed jistudja fuq bazi *full-time* u qiegħed jirrisjedi ma' ommu jew stabbilixxa residenza alternattiva għalih nnifsu, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi jew lil ibnu, jiddependi jekk l-iben in kwistjoni jkunx qiegħed jirrisjedu ma' ommu jew għal rasu rispettivament, is-somma ta' €275 bħala manteniment għal E D kull erbgħa (4) ġimgħat, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjez relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, u dan f'każ li l-istess wild ikun qiegħed jistudja fuq bażi *full-time*, sal-eta' massima ta' tleta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tiegħu, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut, u għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-

[23] Fol. 52 – 53.

għoli tal-ħajja. Jekk it-tifel jagħzel li jmur igħix għal rasu u jkun qed jistudja fuq bazi "full-time", il-manteniment jitħallas direttament lilu.

*(iv) It-Tieni u t-Tielet Talba fil-konfront ta' F, G u H, aħwa D:*

Tenut kont illi l-kura u kustodja tal-minuri F, G u H, hija fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, bil-konsegwenza li dawn ser ikun qegħdin jirrisjedu mal-attriċi stess, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tqis it-talba tal-manteniment għall-minuri msemmija. Fil-prezent jidher li hemm *in vigore* digriet *pendente lite* datat l-1 ta' Novembru 2019, fejn il-Qorti ordnat lil konvenut sabiex iħallas lill-attriċi f'manteniment għal minuri s-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) inkluz nofs l-ispejjez reltati mas-saħħa u edukazzjoni. Kif ġie ribadit iktar 'il fuq, il-Qorti ma għandha l-ebda prova dwar jekk fil-prezent il-konvenut jinsabx f'impjieg *o meno*, u l-introjtu tiegħu mensili. Nonostante dan, il-Qorti xorta waħda sejra tobbliga lil konvenut sabiex imantni lil uliedu u dan stante li tali obbligu huwa sanċit mil-liġi stess.

Għaldaqstant il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal kull minuri, u ċjoe' għal F, G u H, aħwa D, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri in kwistjoni sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom u jkunu għadhom jistudjaw fuq bażi "full-time", il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba, u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri F, G u H tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi u *rebus sic stantibus*, tipprojbixxi illi jsir kwalunkwe tip ta' aċċess jew komunikazzjoni bejn il-minuri u l-konvenut, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fir-rigward ta' E in vista li illum huwa maġġorenni;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba, u tornda li kull benefiċċju u/jew għajnuna soċjali li għalihom huma dovuti l-minuri F, G u H għandhom jitħallsu lill-attriċi għan-nom tal-istess minuri, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fir-rigward ta' E in vista li illum huwa maġġorenni;

3. Tilqa' It-tielet talba u tordna li fir-rigward tal-minuri F, G u H, il-konvenut iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal kull minuri, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri in kwistjoni sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel, jekk il-minuri jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom u jkunu għadhom jistudjaw fuq bażi "full-time", il-manteniment jitħallas direttament lilhom.

   Filwaqt li fir-rigward ta' E D u f'kaz li dan għadu qiegħed jistudja fuq bazi *full-time* u qiegħed jirrisjedi ma' ommu jew stabbilixxa residenza alternattiva għalih nnifsu, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi jew lil ibnu, jiddependi jekk l-iben in kwistjoni jkunx qiegħed jirrisjedi ma' ommu jew għal rasu rispettivament, is-somma ta' €275 bħala manteniment għal E D

kull erbgħa (4) ġimgħat, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjez relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, u dan f'każ li l-istess wild ikun qiegħed jistudja fuq bażi *full-time*, sal-eta' massima ta' tleta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tiegħu, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut, u għandu jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Bl-ispejjez għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.